# MALTA BISS

F'elf art kien iġġerra
Neddej ta' l-imħabba
żeragħhom u rabba',
saqqiehom u xabba'
bil-kelma ħanina
ta' Kristu Mulej;
u ħadem bla heda,
bla nifs u mistħija,
filgħodu u filgħaxija,
bin-nhar u bil-lejl.

'Ma sħaba moqżieża
bl-intejjen mgħobbija
għaddiet u niġġsithom
lil dawn l-artijiet;
insew it-tbatija
ta' min biex jifdihom
kien mgħarraq,
midrub,
għall-isem imqaddes
ta' Kristu maħbub
u msaħħra mill-frugħa
itgħannqu mad-dnub.

Biss waħda fost kollha
minn dawn l-artijiet,
għalkemm gżira ċkejkna
fin-nofs tal-mewġiet,
semgħetu bil-ħlewwa
lil dan il-Ħaddiem,
ħaddnitu,
bisitu,
ma qalbha rassitu,
u ħalfet fi ħdanu
imħabba bla tmiem.

Għaddew minn fuq rasha
is-snin bil-jiem tagħhom,
iġġieldet elf darba għal dan it-twemmin,
rat swarha jiġġarrfu u magħhom 'l uliedha
tindarab u tnin;
'Ma qatt ma kisritha l-ħalfa li ħalfet
f'idejn min bagħthielha dak Alla l-ħanin
u baqgħet rebbieħa, sultana tas-snin!

ĠORG PISANI.

Għawdex, 1936